DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2078

tal-4 ta' Lulju 2016

dwar l-għajnuna mill-Istat SA.41617 — 2015/C (ex SA.33584 (2013/C) (ex 2011/NN)) implimentata min-Netherlands favur il-klabb professjonali tal-futbol NEC f'Nijmegen

(notifikata bid-dokument C(2016) 4048)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fl-2010, il-Kummissjoni ġiet infurmata minn ċittadini li n-Netherlands kienet implimentat miżura ta' għajnuna għall-klabb tal-futbol professjonali NEC f'Nijmegen. L-ilmenti ġew irreġistrati taħt in-numri SA.31616 u SA.31767. Fl-2010 u l-2011, il-Kummissjoni rċeviet ukoll ilmenti dwar miżuri favur klabbs tal-futbol professjonali oħra fin-Netherlands, b'mod partikolari MVV f'Maastricht, Willem II f'Tilburg, FC Den Bosch f's-Hertogenbosch u PSV f'Eindhoven. B'ittra tat-2 ta' Settembru 2011 in-Netherlands ipprovdiet lill-Kummissjoni aktar informazzjoni dwar il-miżura rigward NEC.

(2) B'ittra tas-6 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni infurmat lin-Netherlands li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-miżuri favur Willem II, NEC, MVV, PSV u FC Den Bosch.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura (minn hawn 'il quddiem: "Id-deċiżjoni tal-ftuħ") ġiet ippubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni.

(4) In-Netherlands issottomettiet osservazzjonijiet fil-qafas tal-proċedura rigward il-miżura favur NEC b'ittra tas-6 ta' Ġunju 2013, li kienet tinkludi l-kummenti mill-muniċipalità ta' Nijmegen (minn hawn 'il quddiem: "il-muniċipalità") bħala parti interessata. Fis-27 ta' Frar 2015, saret laqgħa man-Netherlands li fiha pparteċipat il-muniċipalità wkoll. Aktar informazzjoni min-Netherlands waslet fl-10 ta' April 2015, fil-11 ta' Mejju 2015, fit-13 ta' Mejju 2015 u fis-16 ta' Lulju 2015. Il-Kummissjoni ma rċevietx kummenti mingħand partijiet interessati oħra.

(5) Wara d-deċiżjoni tal-ftuħ, u bi qbil man-Netherlands, l-investigazzjonijiet għall-klabbs differenti twettqu b'mod separat. L-investigazzjoni rigward NEC ġiet irreġistrata taħt in-numru tal-każ SA.41617.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA

2.1. Il-miżura u l-benefiċjarju tagħha

(6) Il-federazzjoni tal-futbol nazzjonali Koninklijke Nederlandse Voetbal Bond (minn hawn 'il quddiem: il-"KNVB") hija l-organizzazzjoni umbrella għall-kompetizzjoni tal-futbol professjonali u amatorjali. Il-futbol professjonali fin-Netherlands huwa organizzat f'sistema ta' żewġ saffi. Fl-istaġun 2014/2015, din is-sistema kienet tinvolvi 38 klabb, li minnhom 18 kienu fl-ogħla lig (eredivisie) u 20 fil-lig inferjuri (eerste divisie).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.33584 (2013/C) (ex 2011/NN) — l-għajnuna tan-Netherlands għal ċerti klabbs tal-futbol professjonali Netherlandiżi mill-2008 sal-2011 — Stedina għas-sottomissjoni ta' kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 116, 23.4.2013, p. 19).

([2]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

(7) Nijmegen Eendracht Combinatie (minn hawn 'il quddiem: "NEC") twaqqaf fl-1900 u jilgħab il-partiti tiegħu f'Nijmegen. L-istruttura legali ta' NEC hija kif ġej: il-kumpaniji Nijmegen Eendracht Combinatie B.V, Exploitatie-Maatschappij De Goffert B.V. u N.E.C. horeca B.V. huma proprjetà tal-fondazzjoni Stichting Administratiekantoor N.E.C. Il-kumpanija Exploitatie-Maatschappij De Goffert B.V hija l-benefiċjarju tal-miżura. Skont l-informazzjoni sottomessa min-Netherlands, NEC hija intrapriża ta' daqs medju bi 62,3 impjegat tal-FTE fis-sena 2015 (69,5 FTE fl-2010). Fil-perjodu kkonċernat minn din l-investigazzjoni NEC lagħab fl-ogħla lig. Huwa lagħab l-aħħar f'turnew Ewropew (it-tazza UEFA) fl-istaġun 2008/2009.

(8) Sa mill-2003, NEC kien l-utent ewlieni, iżda mhux l-uniku wieħed tal-istejdjum multifunzjonali Goffer stadion, li jinsab fil-park kbir Goffert f'Nijmegen. Biswit l-istejdjum fil-park Goffer, fl-2003 inbena kumpless tal-isport multifunzjonali *De Eendracht* mill-muniċipalità bl-għajnuna mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR). Il-kumpless De Eendracht jinkera lil NEC u jintuża wkoll minn ħaddieħor għal skopijiet ta' taħriġ.

(9) Ir-relazzjonijiet bejn il-muniċipalità u NEC rigward id-De Eendracht ġew stabbiliti f'żewġ kuntratti konklużi fl-2003: ftehim ta' intenzjoni għall-iżvilupp taż-żona fejn jinsab id-De Eendracht fil-kuntest tal-viżjoni tal-politika tal-isports usa' tal-muniċipalità kif ukoll kuntratt lokatizju għad-De Eendracht.

(10) Fl-2008 u l-2009, NEC kiteb lill-awtoritajiet muniċipali fir-rigward ta' klawżola fil-kuntratti, skont liema kien intitolat jikseb id-De Eendracht mill-muniċipalità. Deskritt bħala "opzjoni ta' xiri", NEC kiteb li kellu l-intenzjoni li jikseb l-"opstalrecht" jew id-dritt tas-superfiċji ([3]) għall-kumpless. Fl-ewwel ittra tiegħu, NEC ippropona li jirrinunzja l-opzjoni tax-xiri tiegħu għall-kumpens tas-somma ta' EUR 2,3 miljun, li ġiet ikkalkulata abbażi tal-valur kontabilistiku stmat u l-valur reali tal-kumpless skont għarfien espert estern. Fil-fehma ta' NEC, id-differenza bejn iż-żewġ valuri tikkorrispondi mal-benefiċċju li jirċievi li kieku jeżerċita l-opzjoni tax-xiri tiegħu. F'ittra oħra NEC informa lill-muniċipalità li xtaq jeżerċita l-opzjoni tax-xiri tiegħu.

(11) Fl-2010, il-muniċipalità rċeviet opinjonijiet legali minn żewġ ditti legali dwar din il-kwistjoni: waħda f'Jannar 2010, l-oħra f'Settembru 2010. L-ewwel opinjoni innotat klawżola fil-kuntratt lokatizju skont liema l-kuntratt kopra l-perjodu sakemm id-De Eendracht jinkiseb mill-kerrej (NEC) u nnutat li kienet l-intenzjoni tal-muniċipalità u NEC li l-kumpless jinkiseb minn NEC ladarba mil-FEŻE ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni għal dan. Hija kkonkludiet li NEC kellu l-ikbar dritt li jitlob l-akkwist. It-tieni opinjoni ntalbet fuq l-insistenza tal-kunsill muniċipali dwar l-allegazzjoni li l-pretensjoni ta' NEC tagħmel sens. Din l-opinjoni kkonkludiet li kien hemm biss obbligu li l-muniċipalità tinnegozja ma' NEC, peress li l-klawżola inkwistjoni ma tistipulax prezz jew mekkaniżmu tal-ipprezzar.

(12) Il-muniċipalità qablet li tixtri l-pretensjoni għal EUR 2,2 miljun f'Settembru 2010. In-Netherlands ma nnotifikatx, skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, l-intenzjoni tagħha li tirrimborża lil NEC għar-rinunzja tal-opzjoni tax-xiri tiegħu. Huwa fir-rigward ta' din it-tranżazzjoni li nfetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali u għalhekk hija s-suġġett tad-deċiżjoni attwali.

2.2. **Raġunijiet biex jingħata bidu għall-proċedura**

(13) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni adottat il-pożizzjoni li l-miżuri ta' għajnuna għall-klabbs tal-futbol professjonali aktarx ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-muniċipalità ipprovdiet vantaġġ selettiv lil NEC bl-użu tar-riżorsi tal-Istat u b'hekk ipprovdiet għajnuna lill-klabb tal-futbol.

(14) L-ewwel, fir-rigward tal-eżistenza ta' opzjoni tax-xiri, il-Kummissjoni kkonkludiet li billi bbażat lilha nnifisha esklużivament fuq l-ewwel opinjoni legali u billi ma qisitx it-tieni opinjoni aktar mirquma, in-Netherlands ma urietx li NEC kellu opzjoni tax-xiri bil-prezz li la ġie stipulat fil-kuntratt u lanqas ma ġie nnegozjat.

([3]) Skont l-Artikolu 5:101 tal-Liġi Ċivili Netherlandiża, "dritt tas-superfiċji" (Latin: ius superficiarium) huwa dritt tal-proprjetà immobbli li jippermetti lill-propjetarju — "is-superfiċjarju" — li jkollu jew jikseb għalih innifsu bini, kostruzzjonijiet jew pjanti (veġetazzjoni), fi jew fuq proprjetà immobbli li tkun proprjetà ta' ħaddieħor.

(15) It-tieni, fir-rigward tal-konformità mas-suq tal-prezz imħallas għar-rinunzja tal-opzjoni allegata tax-xiri, il-Kummissjoni insistiet li l-gwida ipprovduta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-elementi ta' għajnuna fil-bejgħ tal-art mill-awtoritajiet pubbliċi ([4]) (minn hawn 'il quddiem: "il-Komunikazzjoni dwar il-bejgħ tal-art"), li kienet ġiet invokata min-Netherlands, "tikkonċerna biss il-bejgħ ta' art u bini proprjetà tal-pubbliku. Din ma tikkonċernax l-akkwist pubbliku tal-art u l-bini jew il-kera jew il-lokazzjoni tal-art u l-bini mill-awtoritajiet pubbliċi. Tali tranżazzjonijiet jistgħu jinkludu wkoll elementi ta' għajnuna mill-Istat." Barra minn hekk, il-Kummissjoni sostniet li l-operaturi f'ekonomija tas-suq aktarx li jqisu wkoll il-probabbiltà li kerrej jeżerċita l-opzjoni tax-xiri tiegħu, dejjem jekk din tkun teżisti. Fost l-oħrajn huma jqisu wkoll il-mezzi finanzjarji għad-dispożizzjoni tiegħu.

(16) It-tielet, il-Kummissjoni nnutat li NEC kien qed iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet finanzjarji fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna, liema diffikultajiet kienu serji biżżejjed biex jipperikolaw il-futur tiegħu bħala klabb tal-futbol professjonali. Il-KNVB, meta vverifikat il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' NEC għall-2010/2011, talbet lil NEC garanzija esterna għal EUR 1 967 000 f'Lulju 2010, li fin-nuqqas tagħha NEC kien jirriskja li jitlef il-liċenzja tiegħu. Din il-garanzija (li skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni kienet ipprovduta minn kumpanija privata u kummerċjali u għalhekk mhux bir-riżorsi tal-Istat) kienet meħtieġa minbarra l-EUR 2,2 miljun koperti mid-Deċiżjoni preżenti. NEC innifsu f'Ġunju 2010 indika li l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kienet waħda inkwetanti, b'ekwità negattiva, riżultat operazzjonali negattiv fl-2009/2010 u pożizzjoni ta' likwidità ħażina. NEC waqaf iħallas il-kera f'Settembru 2009.

(17) Sabiex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna mal-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tad-ditti f'diffikultà ([5]) (minn hawn 'il quddiem: "il-Linji gwida"), il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti kollha stipulati fil-Linji gwida.

(18) Il-Kummissjoni b'mod partikolari ma setgħetx tivverifika jekk il-kundizzjonijiet fil-punti 34 sa 37 tal-Linji gwida dwar in-natura u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar ġewx irrispettati. Il-Kummissjoni ma setgħetx ukoll tivverifika jekk kinux ittieħdu miżuri ta' kumpens adegwati fis-sens tal-punti 38 sa 42. Barra minn hekk kien meħtieġ li jintwera li l-għajnuna kienet limitata għall-minimu neċessarju, li l-benefiċjarju nnifsu jkun ħallas kontribuzzjoni proprja adegwata għar-ristrutturar tiegħu, li n-Netherlands tipprovdi rapporti ta' monitoraġġ u li l-prinċipju "darba waħda, l-aħħar darba" jiġi rispettat.

3. **KUMMENTI MIN-NETHERLANDS**

(19) In-Netherlands ma taqbilx li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(20) F'dan ir-rigward, in-Netherlands l-ewwel tisħaq fuq il-kuntest importanti tat-tranżazzjoni. Skont in-Netherlands, id-deċiżjoni tal-ftuħ kien fiha xi żbalji fattwali f'dan ir-rigward. Għall-kuntrarju ta' dak li ġie ddikjarat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-istejdjum Goffert kellu natura multifunzjonali saħansitra qabel l-2003. Il-muniċipalità tqis l-użu tad-De Eendracht (u l-istejdjum Goffert) għal finijiet mhux sportivi bħala fattur kuntestwali importanti.

(21) In-Netherlands, b'mod partikolari tisħaq fuq l-interess li l-muniċipalità kellha fl-iżvilupp tal-park tal-innovazzjoni u tal-isport kompetittiv (minn hawn 'il quddiem: it-"TIP") ([6]), li jintegra l-istejdjum Goffert eżistenti u d-De Eendracht. Il-preparazzjonijiet għall-iżvilupp tat-TIP kienu diġà bdew qabel ma n-NEC informa lill-muniċipalità li xtaq jeżerċita l-opzjoni tax-xiri tiegħu. Il-kumpless De Eendracht kellu rwol importanti fil-pjanijiet fir-rigward tat-TIP, li kienu mmexxija mill-muniċipalità. In-Netherlands tisħaq li l-preparazzjonijiet tat-TIP komplew ħafna wara li saret it-tranżazzjoni f'Settembru 2010. Kien biss f'Marzu 2012 li l-kunsill muniċipali ddeċieda li jwaqqaf il-preparazzjonijiet tat-TIP. Skont in-Netherlands, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod espliċitu l-importanza essenzjali li l-muniċipalità dak iż-żmien ħasset li kellha li żżomm is-sjieda sħiħa tad-De Eendracht (inkluż kemm l-art ta' taħtu kif ukoll il-bini ta' fuqha) sabiex tippermetti l-iżvilupp tat-TIP.

([4]) ĠU C 209, 10.7.1997, p. 3.

([5]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2). L-applikazzjoni ta' dawk il-linji gwida ġiet prolongata permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prolongazzjoni tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' Impriżi f'diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004 (ĠU C 296, 2.10.2012, p. 3).

([6]) Il-muniċipalità kien beħsiebha tiżviluppa parti kbira mill-park Goffert f'"Topsport- en Innovatie Park" ("TIP"), b'approċċ multidixxiplinarju li jkopri l-isport, l-edukazzjoni, is-saħħa u x-xjenza. Dan il-proġett minn dak iż-żmien 'l hawn ġie abolit. Il-finanzjament futur tat-TIP ma kienx kopert mid-Deċiżjoni tal-ftuħ.

(22) F'dan ir-rigward, in-Netherlands tirreferi għar-rapport dwar l-effetti ekonomiċi mistennija tat-TIP, ippubblikat mill-Konsulenti tal-Affarijiet Reġjonali u Ewropej f'April 2009. Skont dan ir-rapport, kien mistenni li t-TIP ikollu impatt pożittiv fuq l-ekonomija tal-muniċipalità, inkluż żieda fl-impjiegi u l-infiq, iżda wkoll diversi effetti ekonomiċi pożittivi indiretti fl-oqsma tal-iżvilupp tal-għarfien, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-livelli tal-attività b'mod ġenerali. Ir-rapport "TIP Nijmegen Impact and Opportunities", imħejji mill-muniċipalità u mill-Konsulenti tal-Buck, speċifikament jirreferi għall-funzjoni eżemplari tad-De Eendracht fl-iżvilupp tat-TIP.

(23) It-tieni, in-Netherlands tisħaq fuq is-saħħa tal-pretensjoni ta' NEC. Hija ċċarat l-isfond li wassal għall-istabbiliment tal-opzjoni tax-xiri. Il-muniċipalità enfasizzat li dan huwa marbut mal-fatt li NEC irrinunzja d-dritt tas-superfiċji fuq dak li kien kumpless amatorjali eżistenti, sabiex jippermetti lill-muniċipalità tibdel dan il-kumpless permezz tal-bini tal-kumpless il-ġdid, id-De Eendracht. Fl-2000, id-dritt tas-superfiċji tal-kumpless amatorjali eżistenti kien f'idejn NEC, filwaqt li l-muniċipalità kienet is-sid tal-art ta' taħtu. Minħabba li l-kumpless ma kienx għadu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-KNVB biex ikompli jwettaq attivitajiet relatati mal-futbol fuq il-post, il-muniċipalità — f'konsulenza ma' NEC — fl-2002 iddeċidiet li tibni akkomodazzjoni multifunzjonali ġdida, id-De Eendracht. Id-De Eendract inbena bi flus il-pubbliku, u parzjalment iffinanzjat bl-appoġġ mill-FEŻR. Sabiex ikun jista' japplika għall-appoġġ mill-FEŻR, il-kumpless kellu jinbena mill-muniċipalità u l-bini ma setax jinbiegħ għal perjodu ta' ħames snin. Għalhekk NEC irrinunzja d-dritt tas-superfiċji tiegħu fuq il-kumpless, iżda kiseb opzjoni tax-xiri (id-dritt tas-superfiċji għal) għall-kumpless il-ġdid, id-De Eendracht. Skont in-Netherlands, NEC kellu l-intenzjoni li jkun jista' jieħu l-kumpless De Eendracht ladarba r-rekwiżiti tal-FEŻR ma jibqgħux jipprojbixxu dan, anke jekk il-prezz tal-akkwist ma jkunx ġie ddeterminat sa dak iż-żmien.

(24) Għalhekk in-Netherlands tikkonfuta li l-muniċipalità segwiet waħda mill-opzjonijiet legali biss (ara l-premessa 14). Minflok, tenfasizza li qatt ma kien hemm kunflitt bejn il-muniċipalità u NEC dwar din il-pretensjoni, li ż-żewġ partijiet kienu jqisuha b'saħħitha. Hawnhekk in-Netherlands tirreferi għall-Artikolu 6:217 tal-Kodiċi Ċivili Netherlandiż, skont liema kunsens sempliċi bejn il-partijiet jkun biżżejjed biex jintlaħaq ftehim.

(25) L-opzjoni tax-xiri tista' titnaqqas mill-kuntratti ta' intenzjoni u lokatizji bejn il-muniċipalità u l-kumpanija Exploitatiemaatschappij De Goffert B.V. (ara l-premessa 9). Il-fatt li l-klawżoli dwar l-opzjoni tax-xiri ma jistipulawx prezz jew mekkaniżmu tal-ipprezzar mhuwiex rilevanti skont in-Netherlands Fil-kuntest tal-ftehimiet tax-xiri fejn il-partijiet ma jiddeterminaw l-ebda prezz, l-Artikolu 7:4 tal-Kodiċi Ċivili Netherlandiż jipprovdi li x-xerrej għandu jħallas "prezz raġonevoli".

(26) B'mod ġenerali, il-muniċipalità ssostni li d-deċiżjoni li ma ssegwix it-tieni opzjoni legali kienet ibbażata fuq raġunijiet ġenwini u motivati minħabba li qieset li l-argumenti ppreżentati fit-tieni opinjoni legali mhumiex korretti. Dan ġie ssostanzjat minħabba li l-kittieb tal-ewwel opinjoni legali rreaġixxa għat-tieni opinjoni biex iżomm il-parir tiegħu. Il-muniċipalità tindika li t-tieni opinjoni kienet politikament motivata biċ-ċar minħabba li kienet intalbet mill-partijiet fl-oppożizzjoni fil-kunsill muniċipali. Li t-tieni opinjoni kienet aktar mirquma (il-premessa 14) ma jista' jwassal għall-ebda konklużjoni dwar il-validità tal-argumenti fiha.

(27) Barra minn hekk, il-muniċipalità f'dan ir-rigward tinnota li l-ftehim bejn NEC u l-muniċipalità huwa soġġett għal-liġi privata nazzjonali u b'hekk kull valutazzjoni tal-validità tal-pretensjoni ta' NEC għandha ssir minn imħallef Netherlandiż.

(28) It-tielet, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur tal-opzjoni tax-xiri, in-Netherlands ipprovdiet ukoll kjarifiki ulterjuri. In-Netherlands tindika li l-eżistenza ta' vantaġġ (u b'hekk ta' għajnuna mill-Istat) ma tistax tiġi ssoponuta sempliċiment minħabba li l-prezz jiġi ddeterminat abbażi tan-negozjati. Fil-każ tan-NEC, il-prezz tal-opzjoni tax-xiri kien iddeterminat abbażi ta' valutazzjoni indipendenti u għalhekk huwa konformi mas-suq skont l-awtoritajiet Netherlandiżi. Fil-fatt, in-Netherlands issostni li t-tranżazzjoni ma kinitx selettiva u li ma tatx vantaġġ lil NEC.

(29) In-Netherlands tirreferi għall-fatt li miżura ma tkunx selettiva jekk din tkun ibbażata fuq miżura nazzjonali ġenerali. B'mod partikolari, it-tranżazzjoni hija bbażata fuq il-Kodiċi Ċivili, li għandu kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huwa applikabbli għall-intrapriżi kollha. Il-valur tat-tranżazzjoni kien ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdu għall-pagament ta' "prezz raġonevoli". Skont in-Netherlands, dan kien il-każ minħabba li f'April 2009 kienet saret valutazzjoni indipendenti. Hija tikkonkludi li dik it-tranżazzjoni ma kinitx selettiva.

(30) Anke jekk it-tranżazzjoni kienet titqies bħala waħda selettiva, NEC ma kienx jirċievi vantaġġ, minħabba li l-muniċipalità kienet qed taġixxi bħala investitur tas-suq u kienet qed tħallas prezz tas-suq. In-Netherlands tenfasizza l-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni fl-użu tal-Komunikazzjoni dwar il-bejgħ tal-art b'analoġija meta l-każijiet ikunu relatati mal-valutazzjoni ta' assi u drittijiet tal-proprjetà oħra. Minħabba li f'dan il-każ it-tranżazzjoni hija bbażata fuq valutazzjoni kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar il-bejgħ tal-art, tista' titqies bħala konformi mas-suq. Anke li kieku l-Komunikazzjoni dwar il-bejgħ tal-art ma kinitx applikabbli, it-tranżazzjoni tibqa' konformi mas-suq minħabba li investitur tas-suq privat kien ukoll jiddetermina l-valur tal-opzjoni tax-xiri abbażi ta' valutazzjoni indipendenti.

(31) Il-muniċipalità enfasizzat li hemm rabta mill-qrib bejn il-valur tat-tranżazzjoni u l-valur tal-kumpless De Eendracht. Ir-rapport dwar il-valutazzjoni indipendenti (tas-7 ta' April 2009) jiffoka fuq żewġ valuri. Min-naħa, jiddetermina l-prezz tal-bejgħ li bejjiegħ jista' jirċievi mill-bejgħ tad-dritt tas-superfiċji (għal perjodu ta' 30 sena) fir-rigward tal-kumpless abbażi tal-ftehim tal-lokazzjoni eżistenti bejn il-muniċipalità u NEC […] (*). Min-naħa l-oħra, jiddetermina l-prezz tal-bejgħ li bejjiegħ jista' jirċievi mill-bejgħ tad-dritt tas-superfiċji fir-rigward tal-kumpless abbażi tal-ftehimiet sublokatizji eżistenti bejn NEC u s-sublokatarji tiegħu, waqt li qies l-evoluzzjonijiet tal-kiri tas-suq. Fil-fatt il-kumpless kien is-suġġett tal-kuntratti lokatizji kemm bejn NEC u l-muniċipalità u kif ukoll bejn NEC u l-partijiet terzi (NEC jaġixxi bħala l-operatur tal-kumpless), ara wkoll il-premessa 8. Dan it-tieni valur ġie ffissat għal EUR […].

(32) Iż-żewġ valutazzjonijiet fi kliem ieħor huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li l-kumpless jinbiegħ fi stat ta' kera. In-Netherlands issostni li skont il-leġiżlazzjoni Netherlandiża, tranżazzjoni ta' bejgħ ma twassalx għal bdil fis-sitwazzjoni ta' kera. Is-sid il-ġdid ta' proprjetà jissostitwixxi lis-sid preċedenti bħala l-parti li qed tikri. Għalhekk huwa normali li jiġi stabbilit il-valur tal-bejgħ ta' proprjetà mikrija abbażi tal-introjtu tal-kera.

(33) Il-valutazzjonijiet indipendenti juru li l-muniċipalità tista' tbigħ il-kumpless De Eendracht fi stat mikri lil parti terza għal prezz massimu ta' EUR […]. Skont in-Netherlands, dan huwa daqs il-prezz massimu li NEC jista' jintalab għall-kumpless. Ladarba NEC jikseb id-dritt għas-superfiċi fir-rigward tal-kumpless De Eendracht, dan jista' jbigħ dak id-dritt għall-prezz massimu ta' EUR […]. Skont in-Netherlands, dan ifisser li NEC kien se jirrifjuta vantaġġ potenzjali massimu ta' […] EUR 2 064 000. Matul in-negozjati ma' NEC, il-valur finali tal-opzjoni tax-xiri ġie ddeterminat għal […] EUR 2 223 000. […]. Il-Kummissjoni tinnota li l-valutazzjoni ma qisitx b'mod espliċitu s-sitwazzjoni konkreta, jiġifieri meta NEC stess jikseb il-kumpless.

(34) In-Netherlands ipprovdiet aktar informazzjoni ta' sfond dwar iċ-ċifri tal-kera użati fir-rapport tal-valutazzjoni biex tiġi spjegata d-differenza importanti bejn iż-żewġ valutazzjonijiet. B'mod partikolari, in-Netherlands tindika numru ta' fatturi b'impatt negattiv fuq il-prezz tal-lokazzjoni kif ġie stabbilit għal NEC:

(a) Exploitatiemaatschappij De Goffert B.V. mhux biss kriet il-kumpless fit-tul, iżda aġixxiet ukoll bħala l-kumpanija operatorja biex tissulloka partijiet mill-kumpless lill-partijiet terzi. Id-De Eendracht kellu karattru sperimentali ċar u l-muniċipalità użat il-bini ta' dan il-kumpless il-ġdid biex issaħħaħ ir-rabta tal-kumpless mal-attivitajiet soċjali, l-ambjent ekonomiku u l-viċinanzi. Ma kinitx xi ħaġa ċerta li dawn il-proġetti soċjoekonomiċi kienu se jkunu ta' suċċess fil-prattika, u ma kienx eskluż li l-partijiet terzi jirtiraw. Dan żied ir-riskju għal Exploitatiemaatschappij De Goffert B.V.

(b) Exploitatiemaatschappij De Goffert B.V. ħadet ħsieb ukoll il-manutenzjoni u s-sostituzzjoni tal-art li qabel kienet tieħu ħsiebhom il-muniċipalità.

(c) NEC kien l-uniku sieħeb possibbli li seta' jwettaq l-objettivi soċjoekonomiċi tal-muniċipalità.

(d) NEC oriġinarjament kellu d-dritt tas-superfiċji għall-kumpless, iżda rrinunzja dan mingħajr ħlas (ara l-premessa 23).

Abbażi ta' dan in-Netherlands tqis il-prezz lokatizju mħallas minn NEC, li jifforma l-bażi għall-ewwel valur ikkalkulat fit-tassazzjoni, bħala konformi mas-suq.

(35) Barra minn hekk, in-Netherlands innutat li l-kuntratt lokatizju bejn NEC u l-muniċipalità għandu jitqies bħala ftehim lokatizju għal terminu fiss li ma setax jintemm mill-muniċipalità qabel id-data tat-tmiem tiegħu, li taħbat mat-trasferiment tad-dritt tas-superfiċji lil NEC. Dan jispjega għaliex it-tassazzjoni tikkalkula l-ewwel valur abbażi ta' kera statika, filwaqt li t-tieni valur iqis l-evoluzzjonijiet tal-kera tas-suq.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

(36) In-Netherlands tenfasizza li s-somma ta' EUR 2,2 miljun dovuta lil NEC għall-opzjoni ta' xiri ma tħallsitx, iżda minflok parti minnha ntużat biex tkopri l-pretensjonijiet pendenti fuq NEC u parti oħra bħala pagament bil-quddiem tal-kera (kera garantita). Fl-istess ħin, il-ftehim lokatizju ġie prolongat sal-aħħar ta' Frar 2043 u l-kera ġiet miżjuda […]. Dejjem jekk il-kera oriġinali kienet konformi mas-suq, in-Netherlands issostni li din iż-żieda tqiegħed din il-kera l-ġdida 'l fuq mil-livelli tas-suq. Min-naħa l-oħra, il-kera l-ġdida għandha titqies bħala konformi mas-suq skont in-Netherlands.

(37) Ir-raba', in-Netherlands issostni li l-muniċipalità qieset is-sitwazzjoni finanzjarja ta' NEC fiż-żmien tat-tranżazzjoni. Fiż-żmien tat-tranżazzjoni, il-muniċipalità kienet irċeviet informazzjoni li ġieħlitha tissoponi li, minkejja l-problemi finanzjarji tiegħu, kien possibbli li NEC jeżerċita l-opzjoni tax-xiri tiegħu. B'mod partikolari, f'waħda mill-ittri tiegħu (ara l-premessa 10), NEC b'mod espliċitu informa lill-muniċipalità bl-interess li parti kummerċjali kellha fil-ksib tad-De Eendracht, possibbilment permezz ta' NEC. Għalhekk kwalunkwe problemi li NEC kien qed iħabbat wiċċu magħhom ma kinux neċessarjament se jipprojbixxu x-xiri tiegħu tad-De Eendracht. Barra minn hekk, fit-3 ta' Settembru 2010 il-muniċipalità ġiet infurmata li NEC kien irċieva finanzjament mingħand parti kummerċjali: kumpanija […] kienet xtrat minn qabel parti mill-biljetti (tal-istaġun) għall-istaġuni 2011/2012, 2012/2013 u 2013/2014. Din hija t-tranżazzjoni msemmija mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, iżda b'kuntrarju għal dak li ġie ddikjarat fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-finanzjament ma ħax il-forma ta' garanzija u l-prezz imħallas kien ferm ogħla mill-EUR 1,9 miljun imsemmija fid-deċiżjoni tal-ftuħ (jiġifieri madwar EUR 4 miljun) (ara l-premessa 16). Din l-indikazzjoni ta' kunfidenza fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' NEC minn investitur kummerċjali kienet raġuni ulterjuri għall-muniċipalità dak iż-żmien biex taċċetta bħala possibbiltà l-eżerċizzju minn NEC tal-opzjoni tax-xiri tiegħu tad-De Eendracht.

(38) Bħala konklużjoni, skont in-Netherlands il-muniċipalità aġixxiet bħala investitur tas-suq, billi qieset is-sitwazzjoni finanzjarja (osservata) ta' NEC dak iż-żmien.

(39) Min-naħa l-oħra, in-Netherlands issostni li anke jekk il-miżura kellha tikkostitwixxi għajnuna, din kienet tkun kompatibbli mas-suq intern. Skont in-Netherlands, il-kundizzjonijiet tal-Linji gwida ġew issodisfati u l-miżura tista' b'dan titqies bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Hija pprovdiet informazzjoni fattwali biex issostni dan.

(40) Fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' NEC fil-mument tat-tranżazzjoni, in-Netherlands ippreżentat aktar evidenza li turi li NEC kienet ditta f'diffikultà. Il-muniċipalità kienet talbet rapport dwar il-pożizzjoni finanzjarja u l-perspettivi futuri tal-klabb, li ġie sottomess mid-ditta tal-kontabilità BDO ([7]) ftit taż-żmien wara t-tranżazzjoni (fid-29 ta' Ottubru 2010). Dan jirreferi għar-riżultati negattivi tal-kumpanija […], ekwità negattiva […] u żvilupp negattiv ta' kapital operatorju […]. Ir-rapport juri li r-riżultati tal-kumpanija ta' NEC kienu negattivi u dejjem imorru għall-agħar matul perjodu ta' tliet snin. Filwaqt li NEC irnexxielu jżomm ir-riżultati netti tiegħu pożittivi matul l-istess perjodu (minħabba l-introjtu mid-drittijiet tat-trasferimenti u l-bejgħ tal-plejers), ir-rapport biċ-ċar juri livelli ta' introjtu dejjem neżlin, filwaqt li l-mudelli tal-ispejjeż ta' NEC fil-biċċa l-kbira baqgħu l-istess. Barra minn hekk, l-ekwità tiegħu kienet negattiva matul l-aħħar tliet snin u s-solvenza ta' NEC f'dak l-istess perjodu kienet naqset.

(41) Fir-rigward tal-pjan ta' ristrutturar, NEC fassal pjan ta' titjib (il-"Plan van Aanpak") ([8]) biex jegħleb il-problemi finanzjarji tiegħu. Dan il-pjan ġie sottomess lill-KNVB f'Awwissu 2010. Dan kien jinkludi deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni finanzjarja, tqabbil ta' punti ta' riferiment ma' klabbs tal-futbol simili u miżuri ppjanati biex jinkiseb status ta' Kategorija 2 (jiġifieri li jindika li s-saħħa finanzjarja tal-klabb hija "suffiċjenti", ara wkoll il-premessa 75).

(42) Fir-rigward tal-miżuri ta' kumpens, in-Netherlands tinnota li, jekk ikun hemm għajnuna, din tkun limitata fid-daqs u b'hekk l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni jkunu relattivament żgħar. Minkejja dan, fil-pjan ta' ristrutturar tal-KNVB ġew inklużi diversi miżuri ta' kumpens.

(43) Barra minn hekk, kull appoġġ kien limitat għall-minimu meħtieġ. F'dan ir-rigward, saret kontribuzzjoni proprja importanti għar-ristrutturar permezz tal-miżura msemmija fil-premessi 16 u 37, filwaqt li bidla fil-kundizzjonijiet ta' ripagament ta' selfa wasslet għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' ripagament fissi b'EUR 250 000 fis-sena.

(44) Fir-rigward tal-monitoraġġ, in-Netherlands impenjat ruħha li tissottometti r-rapporti meħtieġa lill-Kummissjoni.

([7]) "*Onderzoek naar financiële situatie en financieel toekomstperspectief N.E.C. Nijmegen,*" rapport tad-29 ta' Ottubru 2010 minn BDO, Nijmegen.
([8]) Il-Plan van aanpak NEC, Awwissu 2010.

(45) Fl-aħħar, in-Netherlands tikkonferma li ma ġew implimentati jew mhuma se jiġu implimentati l-ebda miżuri ta' għajnuna oħra għal NEC.

4. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA

4.1. Preżenza tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat

(46) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, l-għajnuna mill-Istat hija għajnuna li tingħata minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma, li tfixkel jew tipperikola li tfixkel il-kompetizzjoni billi tipprovdi vantaġġ ekonomiku lil ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti beni sakemm taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma kumulattivi u b'hekk, biex miżura tiġi kkwalifikata bħala għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet kollha jridu jiġu ssodisfati.

(47) L-akkwist mill-muniċipalità tal-allegat dritt ta' NEC li jixtri d-De Eendracht għal EUR 2,2 miljun ġie ffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat, peress li l-flus għat-tranżazzjoni inkwistjoni ġew ipprovduti mill-muniċipalità. In-Netherlands taqbel ma' dan il-fatt.

(48) Fir-rigward tal-impatt potenzjali fuq is-suq intern, il-Kummissjoni tindika li NEC kien parteċipant fit-turnej tal-futbol Ewropej. Barra minn hekk, minbarra li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet tal-futbol, il-klabbs tal-futbol professjonali għandhom attivitajiet ekonomiċi f'diversi swieq, bħas-suq tat-trasferimenti għall-plejers professjonali, ir-reklamar, l-isponsorizzazzjoni, il-merchandising jew dak li tkopri l-midja. L-għajnuna lil klabb tal-futbol professjonali issaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu f'kull wieħed minn dawk is-swieq internazzjonali. Għaldaqstant, jekk ir-riżorsi tal-Istat jintużaw biex jipprovdu vantaġġ selettiv lil klabb tal-futbol professjonali, irrispettivament mil-lig li jilgħab fih, tali għajnuna aktarx ikollha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([9]).

(49) Lanqas ma ġiet iddubitata s-selettività tal-miżura, li ġiet speċifikament approvata mill-kunsill muniċipali. In-Netherlands sostniet li l-miżura kienet ibbażata fuq leġiżlazzjoni nazzjonali ġenerali (ara l-premessa 29) u għalhekk ma kinitx selettiva. Madanakollu, il-Kummissjoni tqis li anke jekk il-ftehim bejn NEC u l-muniċipalità jista' jitqies bħala suġġett ta' ftehim tal-liġi Netherlandiża ġenerali, id-dettalji tal-ftehim mhumiex ibbażati fuq il-prinċipji ġenerali biss, iżda wkoll fuq id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-kuntratt(i) bejn NEC u l-muniċipalità. B'hekk jidher biċ-ċar li l-miżura għandha fil-mira tagħha intrapriża speċifika, NEC, u għalhekk hija selettiva.

(50) In-Netherlands hija tal-fehma li l-ebda vantaġġ ma ġie akkumulat għal NEC u li minflok it-tranżazzjoni seħħet bil-kundizzjonijiet tas-suq. Hija b'mod partikolari tindika li NEC kellu opzjoni tax-xiri b'saħħitha għad-De Eendracht u li l-prezz għax-xiri ta' dak id-dritt ġie stabbilit skont valutazzjoni indipendenti.

(51) Fir-rigward tas-saħħa tal-pretensjoni, in-Netherlands issottomettiet kjarifiki addizzjonali dwar ir-raġunijiet għaliex ġiet segwita l-ewwel opinjoni legali minflok it-tieni waħda. Barra minn hekk, in-Netherlands issottolineat li l-iżvilupp tat-TIP probabbilment ma kienx ikun possibbli li kieku d-De Eendracht inbiegħ lin-NEC. Kien biċ-ċar fl-interess tal-muniċipalità li tirrimborża lil NEC tar-rinunzja tal-opzjoni tax-xiri tiegħu.

(52) Għandu jiġi nnutat li mhuwiex ċar liema prezz NEC kien ikollu jħallas lill-muniċipalità li kieku eżerċita l-opzjoni tax-xiri u kiseb id-De Eendracht. In-Netherlands sostniet li meta ma jintlaħaqx qbil dwar l-ebda prezz, skont il-Kodiċi Ċivili Netherlandiż ix-xerrej għandu jħallas prezz raġonevoli. Safejn dan il-prezz raġonevoli joqrob lejn jew ikun daqs il-valur tas-suq tad-dritt tal-superfiċji li jappartjeni għad-De Eendracht, l-opzjoni tax-xiri tkun tidher li jkollha biss valur ekonomiku limitat. F'dik is-sitwazzjoni, il-kumpens ta' EUR 2,2 miljun jidher li huwa għoli għalxejn u jagħti vantaġġ lil NEC.

(53) Irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk NEC fil-fatt kellux opzjoni tax-xiri b'saħħitha u argumenti oħra li jappartjenu għall-interpretazzjoni tal-liġi ċivili Netherlandiża, il-Kummissjoni tqis li l-kwistjoni ewlenija li għandha tiġi vvalutata hija dik dwar jekk it-tranżazzjoni seħħitx f'termini tas-suq u jekk il-muniċipalità aġixxietx bħala operatur privat.

([9]) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-Ġermanja tal-20 ta' Marzu 2013 dwar il-Multifunktionsarena der Stadt Erfurt (Il-Kawża SA.35135 (2012/N)), il-punt 12, u Multifunktionsarena der Stadt Jena (Il-Kawża SA.35440 (2012/N)), avviżi fil-qosor f'ĠU C 140, 18.5.2013, p. 1, u tat-2 ta' Ottubru 2013 dwar il- Fußballstadion Chemnitz (Il-Kawża SA.36105 (2013/N)), avviż fil-qosor f'ĠU C 50, 21.2.2014, p. 1, il-punti 12-14; id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward Spanja tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-għajnuna possibbli mill-Istat lil erba' klabbs tal-futbol professjonali Spanjoli (Il-Kawża SA.29769 (2013/C)), il-punt 28, Real Madrid CF (Il-Kawża SA.33754 (2013/C)), il-punt 20, u għajnuna allegata favur tliet klabbs tal-futbol ta' Valencia (Il-Kawża SA.36387 (2013/C)), il-punt 16, ippubblikat f'ĠU C 69, 7.3.2014, p. 99.

(54) F'dan ir-rigward, huwa neċessarju li l-Kummissjoni tivvaluta jekk investitur privat kienx jidħol fit-tranżazzjoni taħt valutazzjoni bl-istess termini. L-attitudni tal-investitur privat ipotetiku hija dik ta' investitur prudenti li l-għan tiegħu ta' massimizzazzjoni tal-profitt huwa mtaffi b'attenzjoni dwar il-livell ta' riskju aċċettabbli għal rata ta' ritorn partikolari. L-MEIP ma jiġix rispettat jekk il-prezz għall-opzjoni tax-xiri jiġi ffissat għal livell ogħla mill-prezz tas-suq. Il-Kummissjoni tqis li numru ta' elementi fil-proċess ta' valutazzjoni juru li ma jgħaddix mit-test tal-MEIP.

(55) L-ewwel, mhuwiex ċar għaliex il-valur tal-opzjoni tax-xiri jkun daqs id-differenza bejn, min-naħa, il-valur tal-bejgħ tal-kumpless abbażi tal-ftehim lokatizju bejn il-muniċipalità u NEC u, min-naħa l-oħra, il-valur tal-bejgħ abbażi tal-ftehimiet lokatizji bejn NEC u s-subkerrejja, filwaqt li jitqiesu wkoll l-evoluzzjonijiet tal-kera tas-suq. Il-Kummissjoni tinnota li l-muniċipalità talbet il-valutazzjoni indipendenti ta' dawn iż-żewġ valuri tal-bejgħ, u mhux il-valutazzjoni tal-opzjoni tax-xiri bħala tali. Ma jingħataw l-ebda kuntest jew argumenti ulterjuri rigward għaliex id-differenza bejn dawn il-valuri hi daqs il-valur tal-opzjoni tax-xiri.

(56) It-tieni, l-użu taż-żewġ valuri biex jiġi ddeterminat il-valur tal-opzjoni tax-xiri jidher li jaħdem bis-suppożizzjoni ta' bejgħ lil kwalunkwe parti terza għal wieħed mill-valuri, iżda mhux għall-ieħor. L-ewwel valur […] fil-fatt huwa stabbilit abbażi ta' bejgħ mill-muniċipalità lil kwalunkwe parti terza tad-drittijiet tas-superfiċji fi stat ta' kera, jiġifieri bil-kuntratt lokatizju lil NEC bħala "limitu" għal kwalunkwe xerrej. B'kuntrast ma' dan, minħabba li n-Netherlands issostni li l-ftehim lokatizju ma setax jiġi mitmum qabel it-trasferiment tad-dritt tas-superfiċji lil NEC, NEC biss seta' kien kapaċi jkompli jopera l-kumpless lejn partijiet terzi. Għalhekk it-tieni valur […] (il-valur tal-bejgħ possibbli fi stat ta' kera abbażi tal-kuntratti ta' sullokazzjoni) seta' jiġi rrealizzat biss minn NEC u mhux minn xi parti terza. Dan l-approċċ "imħallat" isaħħaħ l-idea li d-determinazzjoni tal-prezz tal-opzjoni tax-xiri abbażi ta' dan ma kinitx tagħmel sens għal operatur tas-suq.

(57) It-tielet u b'rabta ma' dan, jekk wieħed bħala punt ta' tluq jieħu li l-opzjoni tax-xiri kellha tiġi rrinunzjata mhux minn kwalunkwe parti terza, iżda minn NEC, il-prezz li jirriżulta li għandu jitħallas sabiex NEC jirrinunzja l-opzjoni tax-xiri tiegħu ma tidhirx li tivvaluta b'mod korrett "il-benefiċċji rrifjutati" għal NEC tar-rinunzja tal-opzjoni. Skont in-Netherlands, NEC kien qed jirrifjuta vantaġġ potenzjali ta' EUR 2 miljun billi jirrinunzja l-opzjoni ta' xiri tiegħu (il-premessa 33). Madanakollu, il-Kummissjoni tinnota li NEC kien mistenni jibqa' l-operatur tal-kumpless anke wara li jirrinunzja l-opzjoni tax-xiri tiegħu. Għalhekk kien ikompli jirċievi l-istess dħul tal-kera li kien jifforma l-bażi għat-tieni valur użat fid-determinazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni […]. Il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ attwali li NEC jirrifjuta billi jirrinunzja l-opzjoni tax-xiri tiegħu minflok tkun daqs il-kera lill-muniċipalità li ma kienx ikollu għalfejn jibqa' jħallas li kieku kiseb il-kumpless.

(58) Fi kwalunkwe każ, ir-raba', il-muniċipalità ħallset aktar mill-ammont li ddeterminat abbażi tar-rapport ta' valutazzjoni ([…] ara l-premessa 33). Il-Kummissjoni tqis li tal-inqas id-differenza bejn iż-żewġ valuri tikkostitwixxi għajnuna. Skont l-awtoritajiet Netherlandiżi, id-differenza taf il-bidu tagħha fin-negozjati ma' NEC, u fi kwalunkwe każ qed tiġi rimborżata s-somma sħiħa ta' EUR 2,2 miljun. Fil-fatt, in-Netherlands spjegat li l-prolongazzjoni tal-perjodu lokatizju u ż-żieda fil-kera annwali jiżguraw in-natura tan-newtralità baġitarja tat-tranżazzjoni għall-muniċipalità (il-premessa 36).

(59) Il-ħames, fir-rigward ta' dan ir-rimborż, il-Kummissjoni tinnota li l-użu minn NEC tas-somma ta' EUR 2,2 miljun biex ikopri l-pretensjonijiet u l-kirjiet pendenti li kienu dovuti lill-muniċipalità ma jistax jitqies bħala rimborż. Fir-rigward taż-żieda tal-kera mħallsa fuq bażi annwali (il-premessa 36), din tista' titqies biss bħala rimborż tal-għajnuna f'każ li ż-żieda tkun tirrappreżenta bis-sħiħ kera ogħla mil-livell tas-suq. In-Netherlands ma pprovdietx evidenza li ssostni l-pretensjoni li l-kera ogħla minn Jannar 2011 tista' titqies bħala kera ogħla mil-livelli tas-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-kera mħallsa minn NEC lill-muniċipalità għall-kumpless kollu hija aktar baxxa mill-kera li NEC bħalissa jirċievi għas-sullokazzjoni ta' ċerti partijiet tal-kumpless filwaqt li r-rapport tal-valutazzjoni jissuġġerixxi li NEC jista' jikseb kirjiet saħansitra ogħla fil-futur.

(60) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li anke jekk il-livell tal-kera oriġinali kien konformi mas-suq waqt li jitqies il-kuntest f'dak iż-żmien (il-premessa 34), tal-anqas uħud mill-fatturi li kellhom impatt negattiv fuq il-prezz lokatizju stabbilit dak iż-żmien jidher li mhumiex rilevanti fiż-żmien tal-istabbiliment tal-livell tal-kera l-ġdid. B'mod partikolari r-riskji assoċjati mal-operat tal-kumpless jistgħu jiġu preżunti li nbidlu issa li ilu jopera kif xieraq għal aktar minn 5 snin. Ir-rinunzja tal-opzjoni tal-ksib tad-dritt tas-superfiċji ma baqatx tokkupa rwol

minħabba li t-tranżazzjoni inkwistjoni solviet il-kwistjoni tas-sjieda għall-futur. Għalhekk seta' kien mistenni li f'Jannar 2011 il-livelli tal-kera tas-suq ikunu ogħla milli kienu fl-2003, meta l-kuntratt lokatizju bejn il-muniċipalità u NEC kien ġie konkluż. Jekk dan ikun il-każ, mela ż-żieda fil-kera ma tistax titqies li tikkorrispondi bis-sħiħ ma' rimborż tal-għajnuna.

(61) Għandu jiġi nnutat ukoll li r-ripagament iseħħ matul perjodu ta' 33 sena u li l-pagamenti futuri ma twaqqfux.

(62) L-aktar importanti huwa li n-Netherlands ma pprovdiet l-ebda evidenza li l-muniċipalità għamlet valutazzjoni u kalkolu bir-reqqa tal-livelli tal-kera tas-suq qabel ma stabbiliet iż-żieda fir-rata tal-kera. Minflok, in-natura ta' newtralità baġitarja tat-tranżazzjoni kienet il-punt ta' tluq sabiex jiġu kkalkulati l-livelli l-ġodda tal-kera.

(63) Is-sitta, il-benefiċċji li l-muniċipalità kisbet permezz ta' din it-tranżazzjoni u l-proporzjonalità tagħhom għall-ispiża diretta ta' EUR 2,2 miljun mhumiex ċari. Jidher li l-muniċipalità ħallset ħafna aktar milli qatt setgħet qalgħet mill-bejgħ tal-kumpless (fi stat tal-kera), sempliċiment biex tissalvagwardja s-sjieda li kellha diġà. Il-muniċipalità sostniet li r-riskji ekonomiċi tal-iżvilupp tat-TIP kienu għolja ħafna minħabba l-effetti mistennija tat-TIP fuq l-ekonomija tal-muniċipalità. Il-valur miżjud mistenni li tibqa' s-sid tal-kumpless, sa ċertu punt jista' jispjega r-rieda tal-muniċipalità li tħallas prezz ogħla. Madanakollu, il-muniċipalità ma għamlitx valutazzjoni espliċita tal-ispejjeż u l-benefiċċji tat-tranżazzjoni li tqis dan il-valur fit-tul tal-proġett tat-TIP. Il-Kummissjoni tqis li operatur tas-suq ikun għamel valutazzjoni aktar mirquma tar-redditu mistenni fuq l-investiment tal-akkwist tal-opzjoni tax-xiri.

(64) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien, il-muniċipalità ma qisitx biżżejjed id-diffikultajiet finanzjarji li NEC kien qed iħabbat wiċċu magħhom dak iż-żmien u l-influwenza tagħhom fuq il-kapaċità tiegħu li jixtri d-dritt tas-superfiċji għad-De Eendracht. Anke li kieku l-partijiet terzi wrew interess li jissieħbu ma' NEC, l-istampa finanzjarja b'mod ġenerali ma setgħetx tiġi injorata u seta' kien mistenni li tinfluwenza l-pożizzjoni tan-negozjar ta' NEC għall-benefiċċju tal-muniċipalità.

(65) Għal dawk ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni tqis li l-muniċipalità ma aġixxietx bħala operatur tal-ekonomija tas-suq iżda pjuttost tat l-għajnuna lil NEC billi rrimborżat lil NEC talli rrinunzja l-opzjoni tax-xiri tiegħu għas-somma ta' EUR 2,2 miljun. L-ammont preċiż ta' għajnuna ma jistax jiġi ddeterminat abbażi tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands. Madanakollu, sakemm l-ammont massimu ta' EUR 2,2 miljun ikun jista' jitqies bħala neċessarju biex jissodisfa l-pjan ta' ristrutturar, l-ammont preċiż ta' għajnuna jkun irrelevanti għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà.

4.2. **Valutazzjoni skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat**

(66) Il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk il-miżura ta' għajnuna favur NEC tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq intern. Fir-rigward tad-derogi previsti fl-Artikolu 107(3) tat-Trattat, il-Kummissjoni tinnota li l-ebda wieħed mir-reġjuni tan-Netherlands ma jaqa' taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat. Il-miżura ta' għajnuna inkwistjoni la tippromwovi proġett importanti ta' interess Ewropew komuni, u lanqas ma sservi ta' rimedju għal kwalunkwe disturb serju fl-ekonomija tan-Netherlands fis-sens tal-Artikolu 107(3)(b). Barra minn hekk, ma jistax jingħad li l-miżura ta' għajnuna tippromwovi l-konservazzjoni tal-kultura jew tal-patrimonju fis-sens tal-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat.

4.2.1. *Linji gwida applikabbli*

(67) Fir-rigward tad-deroga fl-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat favur l-għajnuna biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, fejn tali għajnuna ma taffettwax il-kundizzjonijiet kummerċjali b'mod negattiv sa ċertu punt b'kuntrarju għall-interess komuni, in-Netherlands sostniet li din id-deroga tista' tiġi applikata jekk il-Kummissjoni, b'kuntrarju għall-opinjoni tan-Netherlands issib li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(68) Fil-valutazzjoni tagħha tal-idea tal-"iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi" fis-settur tal-isport, il-Kummissjoni tqis l-Artikolu 165(1) u l-aħħar indennizz tal-Artikolu 165(2) tat-Trattat, li jipprovdu li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kwistjonijiet tal-isport Ewropej, filwaqt li tqis in-natura speċifika tal-isport, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq l-attività volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu.

(69) Għall-valutazzjoni tagħha tal-miżuri ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, il-Kummissjoni ħarġet għadd ta' Regolamenti, Oqfsa, Linji gwida u Komunikazzjonijiet dwar il-forom ta' għajnuna u l-għanijiet orizzontali jew tas-settur li għalihom tingħata l-għajnuna.

(70) Il-Kummissjoni temmen li huwa xieraq li tivvaluta jekk il-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida ([10]) jistgħux japplikaw. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tinnota li l-Linji gwida ma jeskludux il-futbol professjonali. Għalhekk din l-attività ekonomika hija koperta mil-Linji gwida.

(71) F'Lulju 2014, il-Kummissjoni ppubblikat Linji gwida ġodda tal-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' intrapriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([11]). Madanakollu, dawn mhumiex applikabbli għal din l-għajnuna mhux notifikata li ngħatat fl-2010. Skont il-punt 137 tal-linji l-gwida l-ġodda, dan ikun biss il-każ għal kull għajnuna ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar mogħtija mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel f'każ li parti mill-għajnuna jew l-għajnuna kollha tingħata wara l-pubblikazzjoni ta' dawk il-linji gwida f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Skont il-punt 138 tal-linji l-gwida tal-2014, fil-każijiet kollha l-oħra l-Kummissjoni se twettaq l-eżami abbażi tal-linji gwida li kienu japplikaw dak iż-żmien li ngħatat l-għajnuna, u b'hekk, f'dan il-każ, dawk applikabbli qabel l-2014.

4.2.2. *NEC bħala kumpanija f'diffikultà*

(72) Skont il-punt 10(c) tal-Linji gwida, tkun liema tkun il-kumpanija kkonċernata, titqies li hi f'diffikultà jekk tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha talli tkun s-suġġett ta' proċedimenti ta' insolvenza kollettiva. Il-Punt 11 tal-Linji gwida jindika li, fl-assenza ta' dawn iċ-ċirkostanzi, ditta xorta waħda tista' titqies bħala li qed tħabbat wiċċha ma' diffikultajiet meta s-sinjali tas-soltu jkunu preżenti, bħal telf dejjem jiżdied, dejn dejjem jiżdied, fluss tal-flus dejjem jonqos u oħrajn. Ditta f'diffikultà tkun eliġibbli biss meta jkun ċar li din ma tistax tirkupra permezz tar-riżorsi tagħha jew bil-fondi li tikseb mis-sidien/l-azzjonisti tagħha jew minn sorsi tas-suq.

(73) In-Netherlands inizjalment kienet sostniet li NEC ma kinitx ditta f'diffikultà fl-2008/2009. Madanakollu, il-fatti deskritti fil-premessa 16 pjuttost jindikaw li NEC kien qed iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet finanzjarji, serji biżżejjed li setgħu ipperikolaw il-futur tiegħu bħala klabb tal-futbol professjonali. Għalhekk, skont il-Kummissjoni jidher biċ-ċar li NEC kienet kumpanija f'diffikultà. Fir-reazzjoni tagħha għad-deċiżjoni tal-ftuħ, in-Netherlands irrikonoxxiet li NEC kienet kumpanija f'diffikultà u kienet hekk fiż-żmien tat-tranżazzjoni. Hija ssottomettiet aktar evidenza f'dan ir-rigward (ara l-premessa 40), fejn b'mod partikolari uriet li r-riżultati tal-kumpanija ta' NEC kienu negattivi u sejrin għall-aħar matul iż-żmien. Għaldaqstant, il-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat lil NEC trid tiġi vvalutata skont il-Linji gwida.

4.2.3. *Irkupru tal-vijabbiltà fuq terminu twil*

(74) Fit-Taqsima 3.2, il-Linji gwida jitolbu li l-għotja tal-għajnuna trid tkun kondizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar (ara l-punti 34 sa 37 tal-Linji gwida), li jridu jirkupraw il-vijabbiltà fuq terminu twil tad-ditta f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Il-Kummissjoni tinnota li tali kundizzjonijiet ġew stabbiliti fil-kuntest tal-pjan imfassal minn NEC għall-KNVB f'Awwissu 2010.

(75) F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tfakkar li kull klabb tal-futbol professjonali Netherlandiż jirċievi liċenzja mill-KNVB, skont liema jrid jikkonforma ma' diversi obbligi. Wieħed mill-obbligi taħt is-sistema applikabbli attwali jikkonċerna s-saħħa finanzjarja tal-klabb. Tliet darbiet kull staġun, klabb ikun soġġett għal klassifikazzjoni finanzjarja abbażi ta' rapporti finanzjarji li *inter alia* juru s-sitwazzjoni finanzjarja attwali tiegħu, kif ukoll il-baġit għall-istaġun li jmiss. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-klabbs huma kklassifikati fi tliet kategoriji (1: insuffiċjenti, 2: suffiċjenti, 3: tajjeb). Il-klabbs tal-Kategorija 1 jistgħu jkunu obbligati jippreżentaw pjan għat-titjib biex jilħqu l-Kategorija 2 jew 3 fi żmien perjodu ta' tliet snin. Jekk il-klabb ma jirnexxilux jikkonforma mal-pjan, il-KNVB tista' timponi sanzjonijiet, inkluż twissija uffiċjali, tnaqqis fil-punti tal-kompetizzjoni u — bħala sanzjoni finali — it-tneħħija tal-liċenzja. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnutat ukoll li klabb tal-futbol professjonali fin-Netherlands li jiġi ddikjarat fallut, jitlef il-liċenzja tiegħu. Jekk jitwaqqaf klabb suċċessur, dan ma jitħalliex jidħol fil-ligs tal-futbol professjonali direttament, iżda jkollu jibda mit-tieni l-ogħla lig amatorjali.

([10]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 5.

([11]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

(76) NEC ittella' fil-kategorija 1 abbażi tad-dejta finanzjarja tal-istaġun 2009/2010. Il-pjan ta' ristrutturar tiegħu stabbilixxa miżuri għall-ksib tal-istatus tal-Kategorija 2 wara tliet staġuni (sal-2012/2013).

(77) Il-pjan ta' ristrutturar identifika r-relazzjoni problematika bejn il-fatturat u l-ispejjeż bħala l-kawża ewlenija tal-problemi finanzjarji ta' NEC. Il-ħtija kienet b'mod partikolari tal-ispejjeż għolja tal-persunal, filwaqt li t-tnaqqis fl-introjtu mill-midja wkoll ikkontribwixxa għar-riżultati negattivi. L-enfasi tal-pjan ta' ristrutturar kien fuq it-tnaqqis tal-ispejjeż u t-tfaddil ġie mfittex l-aktar fil-qasam tal-ispejjeż tal-plejers. Il-miżuri kienu jinkludu tnaqqis fil-persunal (inkluż tnaqqis fin-numru ta' plejers irreġistrati), iffriżar tas-salarju u tnaqqis fis-salarji għal plejers ġodda kif ukoll tnaqqis fil-bonusijiet. Fi żmien tliet snin, il-proporzjon tal-ispejjeż tal-persunal meta mqabbel mal-fatturat kellu jinġieb għal […] % (meta mqabbel ma' […] % f'Marzu 2010). Kien previst tnaqqis f'diversi infiq oħra, bħall-ispejjeż tat-taħriġ taż-żgħażagħ (akkademja tal-futbol). Kwalunkwe investiment f'assi fissi materjali jew immaterjali ta' aktar minn EUR […] kellha taqbel dwaru l-kummissjoni tal-liċenzji tal-KNVB, li fil-fatt kien ifisser li NEC ma seta' jagħmel l-ebda trasferiment.

(78) Il-Kummissjoni sabet li l-pjan ta' ristrutturar jittratta l-kawżi tad-diffikultajiet finanzjarji ta' NEC, speċjalment l-ispiża tal-persunal u l-plejers fil-forma ta' pagi u pagamenti għal trasferimenti. Klabb tal-futbol professjonali ma jistax ikun mistenni jiddiversifika fi swieq oħra fis-sens tal-Linji gwida; madanakollu jista' jkun mistenni jagħmel tfaddil fl-attività ewlenija tiegħu u dan NEC għamlu. Il-pjan ta' ristrutturar ma jiddependix fuq fatturi esterni li NEC jista' jsegwi iżda ma jkollux kompletament taħt il-kontroll tiegħu, bħat-tisjib ta' sponsors ġodda jew iż-żieda fin-numru ta' spettaturi.

(79) Fil-baġit għall-istaġun 2010/2011, NEC ippreveda li jtejjeb ir-riżultati tal-kumpanija tiegħu […] billi jnaqqas l-ispejjeż tiegħu […]. Ir-riżultati finali kienu saħansitra aħjar milli kien previst: filwaqt li l-introjtu naqas (introjtu mil-logħbiet aktar baxx minħabba staġun ħażin fit-tazza; introjtu tal-midja baxx; riallokazzjoni ta' introjti mit-tpartit), l-ispejjeż naqqsu […] wkoll (tnaqqis fl-ispejjeż tal-persunal, tfaddil fl-akkademja tal-futbol, tnaqqis fl-ispejjeż kummerċjali). F'Diċembru 2011, il-KNVB tat lil NEC l-istatus ta' kategorija 2.

(80) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pjan ta' ristrutturar ta' Awwissu 2010 jindirizza biżżejjed il-kawżi tad-diffikultajiet finanzjarji ta' NEC bil-għan li l-klabb isir vijabbli għal darb'oħra fuq terminu twil.

4.2.4. *Evitar ta' tfixkil mhux xieraq tal-kompetizzjoni*

(81) Il-Punti 38 sa 42 tal-Linji gwida jitolbu li jittieħdu miżuri ta' kumpens minn benefiċjarju sabiex jitnaqqas l-effett tat-tfixkil tal-għajnuna u l-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet kummerċjali. Fid-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura, il-Kummissjoni nnutat in-natura stramba tal-futbol professjonali f'dan ir-rigward u ssuġġeriet għadd ta' miżuri li għall-futbol professjonali jistgħu jiġu interpretati bħala miżuri ta' kumpens fis-sens tal-Linji gwida, bħal-limitazzjoni tal-plejers irreġistrati fil-limiti permessi mill-assoċjazzjoni nazzjonali, l-aċċettazzjoni ta' limitu fuq il-pagi aktar baxx mill-istandards tas-soltu fis-settur, projbizzjoni fuq il-pagament tal-ispejjeż tat-trasferimenti għal plejers ġodda għal ċertu perjodu, jew iż-żieda fl-attivitajiet għall-benefiċċju tas-soċjetà.

(82) Kif spjegat fil-premessa 77, NEC fil-fatt naqqas in-numru ta' impjegati u n-numru ta' plejers irreġistrati, kif ukoll il-pagi mħallsa lilhom. L-ispiża tal-pagi kellha tinġieb taħt 60 % tal-livell tal-fatturar. Matul il-perjodu ta' ristrutturar ma seta' jsir l-ebda pagament ta' trasferiment għal plejers ġodda. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' kumpens meħtieġa mil-Linji gwida kienu ttieħdu, u dan dgħajjef il-pożizzjoni kompetittiva ta' NEC fil-futbol professjonali.

4.2.5. *Għajnuna limitata għall-inqas livell*

(83) Il-Punti 43, 44 u 45 tal-Linji gwida jsostnu li l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għall-minimu possibbli. Il-benefiċjarji tal-għajnuna mistennija jagħtu kontribuzzjoni sinifikanti lill-pjan ta' ristrutturar mir-riżorsi proprji tagħhom.

(84) Il-Kummissjoni tinnota li l-pjan ta' ristrutturar sa ċertu punt huwa bbażat fuq il-finanzjament minn entitajiet privati esterni barra mit-tfaddil intern li sar. It- […] tranżazzjoni (il-premessa 37) ipprovdiet lil NEC b'madwar EUR 4 miljun f'finanzjament estern. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' ripagament fuq selfa sa […] inbidlu fl-2010. Minflok obbligu ta' ripagament annwali […], ir-ripagamenti minn dak iż-żmien 'il quddiem bdew jiġu bbażati fuq l-introjtu tat-trasferimenti, u dan kellu effett pożittiv fuq il-likwidità ta' NEC (Ara l-premessa 43). Fi kliem ieħor il-kontribuzzjonijiet esterni u proprji jlaħħqu aktar minn EUR 4,25 miljun u għalhekk l-għajnuna, li

tammonta għal massimu ta' EUR 2,2 miljun, fi kwalunkwe każ ma tammontax għal aktar minn madwar 35 % tal-isforz ta' ristrutturar b'mod ġenerali. Dan jissodisfa r-rekwiżit fil-punt 44 tal-Linji gwida li għal intrapriża ta' daqs medju bħal NEC tal-anqas 40 % tal-ispiża tar-ristrutturar għandha tiġi koperta mill-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju, inkluż il-finanzjament estern li juri twemmin fil-vijabbiltà tal-benefiċjarju.

4.2.6. *Monitoraġġ u rapport annwali*

(85) Il-Punt 49 tal-Linji gwida jitlob lill-Istat Membru jikkomunika dwar l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan ta' ristrutturar permezz ta' rapporti dettaljati regolari. Il-Punt 51 jistabbilixxi kundizzjonijiet anqas stretti għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fejn it-trażmissjoni ta' kopji annwali tal-iskeda tal-bilanċ u r-rapport tal-introjtu normalment jitqiesu suffiċjenti. In-Netherlands impenjat ruħha li tissottometti dawn ir-rapporti.

4.2.7. *Darba waħda, l-aħħar darba*

(86) Il-Punti 72-77 tal-Linji gwida jirreferu għall-prinċipju ta' "darba waħda, l-aħħar darba", skont liema l-għajnuna għar-ristrutturar għandha tingħata biss darba f'perjodu ta' għaxar snin.

(87) In-Netherlands impenjat ruħha li tirrispetta r-rekwiżit ta' "darba waħda, l-aħħar darba" fil-Linji gwida. Hija kkonfermat li ma tat l-ebda għajnuna ta' salvataġġ jew ristrutturar lil NEC matul perjodu ta' għaxar snin qabel it-tranżazzjoni. Il-konformità mas-suq se tkun ukoll il-bażi għal kull negozjati attwali jew futur ma' NEC.

5. **KONKLUŻJONI**

(88) Il-Kummissjoni sabet li n-Netherlands implimentat illegalment l-għajnuna lil NEC bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Madanakollu, l-għajnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq intern bħala għajnuna tar-ristrutturar fis-sens tal-Linji gwida, peress li l-kundizzjonijiet kollha għat-tali għajnuna stabbiliti fil-Linji gwida ġew ssodisfati.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat li n-Netherlands implimentat favur il-klabb tal-futbol NEC f'Nijmegen hija kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni